FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.

Illum, 29 ta' April 2024

Każ Numru: 284/2022

IL-PULIZIJA
(Spettur Doriette Cuschieri)
(Spettur Sarah K. Zerafa)
(Spettur Paul Camilleri)

--vs--

Tiziana Attard

(Detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 408586 (M))

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, **Tiziana Attard** ta' 35 sena, bint Raymond Attard u Carmen Attard, imwielda Pieta' Malta, nhar it-13 ta' Settembru 1986, u residenti Crystal Bldg, Flat 10, Triq Dun Ġużepp Gonzi, Tarxien u detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija 408586 (M), akkużata talli b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur tal-**artiklu 18 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9:**

"…

1. *Talli nhar l-24 ta' Mejju 2022, f'ħinijiet differenti, bejn it-tmienja ta' filgħodu (8.00hrs) u s-siegħa u nofs ta' wara nofs in-nhar (13.30hrs), minn ġewwa l-ħanut 'Miracle Foods' ta' Triq il-Labour, Żejtun, ikkommettiet* ***serq*** *ta' ikel liema huwa aggravat* ***bil-valur,*** *liema ammont* ***ma jeċċedix*** *elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,328.37c) u dan għad-detriment ta' Miracle Foods u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni oħra;*

2. *U kif ukoll talli nhar is-26 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30hrs), minn ġewwa Chain Supermarket, fuq s-Sur, Fgura, ikkommettiet* ***serq*** *ta' fliexken tax-xorb, liema ammont ma jeċċedix iktar minn €232.94c u dan għad-detriment ta' Chain Supermarket u/jew entitajiet u/jew ta' persuni oħra;*

3. *U kif ukoll talli nhar l-24 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tal-erbgħa u kwart ta' wara nofs in-nhar (16.15hrs) minn ġewwa JB Stores, triq Ħaż-Żabbar, Fgura, ikkommettiet* ***serq*** *ta' lożor u/jew oġġetti oħra liema huwa aggravat* ***bil-valur,*** *liema ammont* ***ma jeċċedix*** *aktar minn €232.94c u dan għad-detriment ta' JB Stores u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni oħra;*

4. *U kif ukoll talli nhar it-22 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15.30hrs), minn ġewwa Cherry Blossom, triq Alfredo Cachia Zammit, Żejtun, ikkommettiet* ***serq*** *ta' ikel u/jew oġġetti oħra, liema ammont ma jeċċedix iktar minn €232.94c u dan għad-detriment ta' Cherry Blossom u/jew entitajiet u/jew ta' persuni oħra;*

5. *U kif ukoll talli nhar it-22 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu (06.00hrs), minn ġewwa Convenience Shop, triq San Anard, Tarxien, ikkommettiet* ***serq*** *ta' oġġetti, liema ammont ma jeċċedix iktar minn €232.94c u dan għad-detriment ta' Convenience Shop u/jew entitajiet u/jew ta' persuni oħra;*

6. *U kif ukoll talli nhar l-20 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30hrs), minn ġewwa Convenience Shop, triq San Anard, Tarxien, ikkommettiet* ***serq*** *ta' oġġetti, liema ammont ma jeċċedix iktar minn €232.94c u dan għad-detriment ta' Convenience Shop u/jew entitajiet u/jew ta' persuni oħra;*

7. *U kif ukoll talli nhar is-27 ta' Mejju 2022, għall-ħabta ta' disa' ta' filgħodu (09.00hrs) minn ġewwa Chain Supermarket ta' triq is-Sur, Fgura* ***bil-ħsieb li twettaq serq,*** *uriet b'atti esterni u tat bidu għal eskuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġietx esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħha, u liema serq li kieku seħħ kien ikun serq li ma jeċċedix iktar minn €232.94 u dan għad-detriment ta' l-operaturi tal-kumpanija Chain Supermarket u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni oħra;*

8. *U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkustanzi u/jew fi ġranet ta' qabel,* ***naqset milli tħares il-kundizzjonijiet*** *impost fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr M.A Farrugia LLD fid-digriet tagħha tas-16 ta' Settembru 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest."*

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti.

Qieset id-dispożizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-proċediment.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta` Mejju 2022 sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta tad-29 ta` Jannar 2024 fejn, inter alia, l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħha u kompliet tinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatha żmien biex taħsibha skond il-liġi.

Semgħet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputata irreġistrat ammissjoni inkundizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha, u wara li din il-Qorti għamlet l-aċċertamenti kollha meħtieġa skond il-liġi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-dispożizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata ġew sodisfaċentement ippruvati u għalhekk ma għandhiex triq oħra ħlief li tiddikjarah ħatja tagħhom.

Illi ai fini ta' ċarezza, l-Qorti tosserva li f'dawn il-proċeduri fit-tmien imputazzjoni l-imputata qiegħda tiġi akkużata *'talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkustanzi u/jew fi ġranet ta' qabel,* ***naqset milli tħares il-kundizzjonijiet*** *impost fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr M.A Farrugia LLD fid-digriet tagħha tas-16 ta' Settembru 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest'.*

Il-Qorti tosserva li fl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-prosekuzzjoni esebixxiet sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tiziana Attard**, deċiża fis-16 ta' Ottubru 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn l-imputata fost l-oħrajn kienet instabet ħatja *'talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkustanzi u/jew fi ġranet ta' qabel,* ***naqset milli tħares il-kundizzjonijiet*** *impost fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr M.A Farrugia LLD fid-digriet tagħha tas-16 ta' Settembru 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest'*.

Minkejja dan, l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* xorta waħda ma tapplikax. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Fredrick Dalli** deċiża fit-23 ta' Frar 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad is-segwenti:

> *Illi, fil-ħames aggravju mqanqal minnu, l-appellant iqajjem l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem u dan fir-rigward tal-imputazzjonijiet relatati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu, u ċioe' is-sitt u is-seba' imputazzjonijiet. Dan għaliex, jikkontendi illi huwa kien diġa' mixli f'proċeduri separati u ġġudikat fuq dan il-ksur u għalhekk ma setax jerġa' jinstab ħati dwar l-istess. Illi l-appellant ġie akkużat li kiser żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest, digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr Audrey Demicoli nhar l-14 ta' Marzu 2019 u digriet ieħor tal-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit) tat-8 ta' Mejju 2019.*
>
> *Illi, fl-atti hemm eżebita sentenza mogħtija minn din l-Qorti, diversament presjeduta, tat-23 ta' Novembru 2021, u dan wara appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu 2020 fil-konfront tal-appellant, fejn huwa kien mixli u misjub ħati talli nhar it-3 ta' Frar 2020 u fil-ġimgħat u/jew ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gzejjer kiser waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digrieti datati 14 ta' Marzu 2019, 8 ta' Mejju 2019 u 24 ta' Lulju 2019.*
>
> *Dan seħħ meta huwa kiser l-obbligu li jirrapporta ġewwa l-għassa tal-pulizija f' madwar ħmistax-il okkażjoni. Minħabba f'dan il-ksur din l-Qorti, diversament preseduta, kienet ordnat li fir-rigward tad-digriet datat 14 ta' Marzu 2019, jkun hemm il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tassomma ta' €1000 rappreżentanti parti mid-depożitu bħala garanzija kif ukoll fir-rigward tad-digriet datat 8 ta' Mejju 2019, kienet ordnata il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €3000 mid-depożitu u finalment fir-rigward tad-digriet datat 24 ta' Lulju 2019,*

saret l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €1,000 bħala depozitu u €5,000 mill-garanzija personali mogħtija f'dak id-digriet.

Illi l-prinċipju tan-ne bis in idem jinsab imħaddan mhux biss fid-dritt penali tagħna u cioe' fil-Kodiċi Kriminali iżda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-prinċipju jinsab imħaddan ukoll fl-artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet fondamentali tal-Unjoni li jaqra:

"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.

Illi ukoll l-artikolu 54 tal-Konvenzjoni Schengen (14 June 1985 il-Konvenzjoni ghallImplimentazzjoni tal-Ftehim Schengen KIFS) jistipula:

"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."

Illi jqum id-dibattitu li ta' sikwit isib ruħu f'ħoġor kemm il-qrati lokali kif ukoll dawk fuq livell ewropew dwar dak li għandu jikkostitwixxi l-"idem" u cioe' jekk huwiex il-process gudizzjarju mill-ġdid dwar l-istess 'reat jew reati' jew inkella dwar l-istess 'fatti' jew 'azzjonijiet'. Illi kemm fil-liġi penali tagħna kif ukoll fil-jedd imhares mill-Kostituzzjoni tinsorgi din id-distinzjoni kif ukoll f'dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;

"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax <u>ghall-istess fatt</u> ikun soggett ghal kawza ohra."

Dana jippostula żewġ elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi illiberat mill-akkużi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat,

kuntrarjament għal jedd imħares mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar "ir-reat"

Wieħed allura jistaqsi b'liema kejl ghandha tigi deċiża l-eccezzjoni ta ne bis in idem, hux jekk bil-fatt illi il-ġudikabbli ikun ġie ipproċessat dwar l-istess fatti jew jekk ikunx ġie hekk ipprocessat dwar l-istess reati.

Issa l-qrati tagħna dejjem applikaw it-test biex wieħed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eċċezzjoni ta' ne bis in idem, bħala dak ċċitat fid-deċiżjoni ***"Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"*** *[15.6.1918] u ċioe' fejn intqal li : "un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."***

Illi s-sentenza tagħmel esposizzjoni tajba ta' dana il-prinċipju kif jinsab imħaddan fil-liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik mogħtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin.

"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti millartikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."

Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding għar-rigward tat-tħaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or

acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."

Illi il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

"takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. <u>In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same.</u> The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. <u>The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings"</u>

Illi fil-każ odjern, ma jistax jingħad illi l-imputazzjonijiet huma mibnija fuq l-istess fatti għalkemm ir-reat huwa l-istess. L-appellant bir-reati minnu kommessi u li dwarhom kien misjub ħati, għal darb'oħra ikkommetta reat "ġdid" u ċioe' vjolazzjoni "ġdida" tar-reat imfassal fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. L-

appellant għal darb'oħra kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu meta huwa ikkommetta reati ġodda, bil-ksur tad-digrieti ndikati fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 20215 jkun imsejjes fuq fatti differenti u ċioe' fuq in-nuqqas illi huwa jirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija biex jiffirma il-bail book kif kien ordnat illi jagħmel. Il-kondizzjonijiet marbuta mal-ħelsien mill-arrest jridu jiġu rispettati tul il-proċediment penali kollu sabiex b'hekk kull darba li jseħħ il-ksur ta' xi kondizzjoni l-imputat/akkużat jkollu jaffaċċja l-konsegwenzi legali ta' kull ksur, diment li tali ksur ma jkunx dwar l-istess fatt jew fatti. Għalhekk f'dan il-każ ċertament li ma tirriżultax id-difiża tan-ne bis in idem u għaldaqstant anke dan l-aggravju qed jiġi respint."

Illi għalhekk din il-Qorti ma għandhiex alternattiva oħra ħlief li ssib lill-imputata ħatja anke tat-tmien imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputata, anki jekk din ma tistax titqies bħala waħda daqstant bikrija. Rat ukoll li sas-27 ta` Mejju 2022, il-kondotta tal-imputata kienet għadha mhux mittiefsa.

Qieset ukoll li mill-provi prodotti, b'mod partikolari mill-istqarrijiet rilaxxati mill-imputata Tiziana Attard lil pulizija, jirriżulta li hija wettqet dawn ir-reati minħabba li kienet maħkuma mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti b'sodisfazzjon tosserva li l-imputata Tiziana Attard, irrikonoxxiet li kellha bżonn tindirizza id-diffikulta li hija kellha u ċioe l-fatt li hija kienet maħkuma mill-vizzju misħut tad-droga u fil-fatt irnexxilha tindirizza din id-diffikulta. Dan qiegħed jingħad għaliex l-imputata mhux biss attendiet u temmet b'suċċess programm residenzjali ta' San Blas mal-Aġenzija Caritas, iżda għadha sal-ġurnata ta' llum tiġi moniterjata bl-għoti ta' samples.

Mir-rapport ta' andament tal-Uffiċċjal tal-Probation Mary Anne Zammit dwar l-imputata Tiziana Attard datat 19 ta Ottubru 2022, jirriżulta li fis-27 ta' Settembru 2022, l-imputata

Tiziana Attard kienet diġa pprovdiet kampjun tal-urina li rriżulta fin-negattiv għas-sustanzi illeċiti tal-kokaina, eroina u kannabis.

Illi għalhekk jirriżulta li l-imputata Tiziana Attard ħadmet u stinkat sabiex tindirizza l-vizzju tad-droga u llum bl-għajnuna professjonali tal-esperti tinsab ħielsa minn dan il-vizzju u bil-mod il-mod qegħda tibni ħajjitha mill-ġdid.

Dan huwa progress sostanzjali u li ċertament din il-Qorti ma tistax tinjorah.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

Wara li l-Qorti kkunsidrat li l-imputata llum il-ġurnata hija riformata fil-karattru tagħha, meħlusa mill-vizzju tad-droga il-Qorti jidhrilha li ma għandhiex tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva.

Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 41, 261(c), 279(a), 284, 285 u 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputata Tiziana Attard detentriċi tal-Karta tal-Identita' numru 408586 (M) ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha u tikkundannaha għal piena ta' sentejn (2) priġunerija, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputata tiġi ttrattata permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba' (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, l-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan Qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti spjegat bi kliem sempliċi, ċar u li jinftiehem skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9.

Fr-rigward tat-tmien imputazzjoni wara li rat l-artiklu 579 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mhijiex tal-opinjoni li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tas-16 ta' Settembru 2020 u mhijiex se tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta garanzija indikat fid-digriet tal--Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Settembru 2020.

Stante li ma ġewx maħtura l-esperti tal-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Dr Kevan Azzopardi
Maġistrat

Deputat Reġistratur
Josanne Gauci

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------